KLR 31/VII/2015

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar it-Tlieta 2 ta' Ġunju 2015 fis-18.30.

PREŻENTI: Is-Sindku Dr Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri, il-membri Michel Buttiġieġ, Anthony Briffa u Marċel Tabone u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻAT:- il-membri Joseph Debrincat u Maria Portelli.

Intqalet it-talba u ġew approvati l-minuti tal-aħħar żewġ laqgħat (KLR 29 u KLR 30).

**1. Mill-Minuti**

Is-Sindku għarraf lill-membri li l-kumitat tar-Reġjun Għawdex għadu ma ltaqax u hekk ma setgħetx tiġi diskussa t-tneħħija tas-CCTV ta' Pjazza San Franġisk.

**2. Mozzjonijeit f'isem il-membri**

Mossjoni Numru 11 tressqet mill-kunsillier Anthony Briffa.

**Mozzjoni numru 11.**

**Nitlob li tiġi diskussa l-problema rigward l-iskart fi Pjazza Indipendenza u Pjazza Savina. Qed jinħass il-bżonn li tinstab soluzzjoni immedjata, minħabba l-ilmenti kontinwi, ir-riħa insapportabbli, l-ispejjes fit-tunnellaġġ ta' skart li qed inħallsu aħna bħala kunsill, l-iskart li jħalli tal-ħut warajh kif ukoll stabbilimenti oħrajn. Sirna l-miżbla ta' kulħadd. Ikkuntattjajt ukoll lill-MTA fejn ser jerġgħu jiġbru l-kuntratti fejn jitolbu li jkollhom kuntrattur tal-iskart u għandna naraw li dawn għandhom dan il-veru kuntrattur u mhux jidħku bina f'wiċċna. Aħna ser insebbħu pjazza għal kulħadd, u għandhom ikunu responsabbli u iġeniċi.**

Issekondata mill-Viċi Sindku.

Il-membri qablu unanimament u għandu jiżdied il-monitoraġġ mill-*green wardens* fl-inħawi ta' Pjazza Indipendenza u Pjazza Savina. Il-membri ġw mgħarrfa li diġa nħarrġu ċitazzjonijiet fuq ir-rimi ta' skart illegalment fi Pjazza Savina.

**3. *ERDF 249, 'Setting up of an Integral Archaeological and Historical Trail in Victoria, Gozo.***

3.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-kuntrattur li qed jagħmel ix-xogħol infrastrutturali ta' dan il-proġett qed jiġu mponuti fuqu l-multi peress li x-xogħol suppost tlesta fl-aħħar ta' Mejju 2015. Dawn mill-bidu ta'Ġunju 2015.

3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet rendikont (Dokument A) tal-ispejjes u l-fondi skont l-offerti u x-xogħol li hu għaddej. Dan id-dokument juri l-ispejjes li m'humiex eliġibli u li kellhom isiru waqt ix-xogħol ta' dan il-proġett. L-ammont tal-fondi mhux eliġġibli hu ta' €212,829.60. Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet issostni li m'għandhomx isiru aktar *commitments* sakemm jinħarġu dawn il-fondi u jitħallsu spejjes oħra pendenti. Il-membri qablu u kienu wkoll qablu f'laqgħa KLR 27/VII 2015 datata 5 ta' Frar 2015, punt 6.2. u KLR 29/VII 2015 datata il-Ħamis 9 ta' April 2015 fis-18.30. *item* 3.

3.3 Rigward *Advert 10/2015 – Call for quotations for the transcription of braille, engravging and installation of braille interpretation panels*, il-membri ġew mgħarrfa li din tagħlaq il-Ħamis 4 ta' Ġunju 2015.

3.4 Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-membri li l-Arċidjaknu Ġiovanni Bosco Gauci ressaq Protest Ġudizzjarju fil-Qorti tal-Maġistrati t'Għawdex kontra il-Kunsill rigward il-mod kif saret il-bankina ta' maġenb il-knisja ta' Savina.

**4. *Update – Playing Field***

Il-membri ġew mgħarrfa li nfetħu l-offerti ta' *ADV/09/15 Supply & Installatin of Playing Field Equipment & Safety Flooring at Vicotria Playing Field, Triq Taħt Putirjal, Victoria, Gozo.* Dettalji jinsabu f'dokumnet B anness. Il-membri tal-bord ta' aġġudikazzjoni huma:- Josef Schembri *Chairman*, Marcel Tabone, il-Perit Gordon Vella u Paul Dimech membri u Miriam Attard Segretarja.

Il-membri qablu li l-ħajt li qed jagħlaq it-triq ta' bejn il-*playing field* u l-*bus terminus* għandu jitneħħa kemm jista' jkun malajr.

**5. *Update* Proġett – *Enhancing the visitor's rural experience in Victoria's valleys***

Is-Sindku għarraf lill-preżenti li qed jintalbu l-estensjonijiet neċessarji sabiex dan il-proġett isir fil-ħin.

***6.* *Update* Proġett - *Extension of the Heritage Trail to Pjazza San Ġorġ Project***

Is-Sindku għarraf lill-membri li ser tinħareġ l-offerta tal-funtana għall-pjazza San Ġorġ għar-raba' darba. Sadanittant qed jintalbu aktar fondi sabiex din il-funtana tkun tista' tiġi finanzjata.

Il-Mandat ta' Inibizzjoni mressaq minn uħud mis-sidien tal-ħwienet ta' Pjazza San Ġorġ u l-inħawi ġie milqugħ mill-Qorti t'Għawdex u b'dan il-Kunsill ma jistax jagħmel xogħol fi Pjazza San Ġorġ qabel it-22 ta' Settembru 2015.

Il-Mandat t' Inibizzjoni mressaq minn Joe Grima rigward Pjazza San Ġorġ m'għadux fis-seħħ.

**7. Jum il-Belt Victoria**

Il-Kunsill ħass li għal din is-sena ma jsirx il-kunċert tal-Orkestra Nazzjonali minħabba l-fondi. Qablu wkoll li meta jiġi nawgurat il-proġett isir dan il-kunċert li jkun ta' l-aħħar. Il-membri qablu li għal din is-sena jsiru biss il-kunċerti miż-żewġ każini tal-baned u l-Kunsill jiffinanzja s-servizz u l-palk.

**8. *Public Private Partnership* – Toroq Wied is-Seqer, Sagħtar u Ġanni Vassallo**

Il-Kunsill qed jistenna li l-kont jiġi ċertifikat mill-Perit.

**9. Approvazzjoni tal-Kontijiet**

Ġew approvati l-kontijiet ta' Ġunju u Lulju 2015, annessi f'dokument Ċ.

**10. Imamniġjar tat-Traffiku – Korrispondenza**

Transport Malta (TM) ħarġet permess għall-:-

10.1 parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita quddiem ir-residenza ta' Christine Fayek, 11, Triq Mro Dirjano Lanzon;

10.2 *double yellow line* quddiem l-entratura tad-dar 66, Triq l-Ariċisqof Pietru Paċe;

10.3 *one meter double yellow lines* fi Triq Dawwara mid-dar '*Casa Don Bosco'* sa '*Sunrise Pet and Garden Centre'*;

10.4 *keep clear* quddiem *parking area* biswit G & R Supermarket fi Triq Kapuċċini.

10.5 TM ma ħarġitx permess għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita quddiem ir-residenza ta' Wenzu Cassar, 89, Triq Sant' Orsla.

Il-membri qablu li jintalab il-permess lill-TM għall-:-

10.6 *single yellow line* mal-ġnub tal-garaxx ta' 68, Triq Mattia Preti;

10.7 *un/loading* quddiem garaxx tal-Inġ. Patrick Muscat fi Triq l-Arċisqof Pietru Paċe;

10.8 mera fir Triq Sir Luiġi Camilleri kantuniera ma Trejqet l-Exchange;

10.9 *un/loading* wara t-Teatru Aurora.

**11. Korrispondenza**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

11.1 id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li rigward l-iskema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2014/2015 mhux ser jagħti fondi għall-*Gaulitana- A Festival of Music* u għall-*Victoria International Arts Festival*;

11.2 id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Avviż Legali 119/2002 (L.S. 441,04) kif emendat fl-Avviż Legali 154 tal-2015 rigward regolamenti dwar attivitajiet li jeħtieġu permess mill-Kunsilli Lokali. Il-membri qablu li r-rati l-ġodda tal-permessi ta' depożitu jew użu ta' kerjn jew makkinarju jidħlu fis-seħħ minn nahr it-Tenjn 8 ta' Ġunju 2015;

11.3 Carmel Buġeja li staqsa jekk hemmx tabelli *Parking within the Lines Only* fi Pajzza San Franġisk. Dan għandu jiġi riferut lill-Ministeru għal Għawdex peress li din il-pjazza taqa' f'idejn il-Gvern Ċentrali;

11.4 Michael Portelli (Portelli Confectionary) li talab *un/laoding* fi Pjazza Savina. Din ser issir quddiem il-knisja;

11.5 Sammy Rapa li kien ibigħ il-ġelat fit-Teħgħa tal-Belt. Dan għandu jiġi rifertu lill-Minsiteru għall Gaħwdex peress li l-proġett taċ-Ċittadella jaqa' f'idejn il-Gvern Ċentrali;

11.6 *Education, Aduiovisiual and Culture Executive Agency* rigward l-aplikazzjoni *Europe for Citizens Programme* 2014/2020. L-applikazzjoni ma ġietx milqugħa;

11.7 Joe Louis Xiberras rigward *Gioci Senza Frontieri – It's a Knockout*. Il-Kunsill ma jistax jipperteċipa minħabba nuqqas ta' fondi;

11.8 Paul M Cassar fejn talab sabiex isir il-monitoraġġ neċessarju anke' permezz tas-*CCTV camera* ta' Pjazza San Frianġisk, sabiex it-trukkijiet ma jibqgħux jagħddu mill-ewwel parti ta' Triq Vajrinġa. Dan wara li t-traffiku fir-Rabat reġa ġie għan-normal. Cassar għandu jiġi mgħarraf li l-Kunsill talab għat-tneħħija tas-*CCTV camera* u l-istess Kunsill dejjem joqgħod fuq dak li jkun approvat minn TM;

11.9 Pauliana Said fejn talbet permess għall-klijent tagħha sabiex ibiegħ prodotti tal-għasel fit-triq. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni dment li jsegwi r-regolamenti tad-Diviżjoni tal-Kummerċ u ma jiġix okkupat spazju tal-parkeġġ;

**12. Materji oħra**

Il-membri qablu li:-

12.1 jiġi rappurtat lill-Pulizija sabiex il-bejjiegħa tal-monti jitħallew jarmaw biss fil-kaxxi provduti għalihom fil-parkeġġ ta' wara l-*bus terminus*. Dan minħabba l-fatt li qed jieħdu ammont sostanzjali ta' parkeġġi li fihom qed jarmaw il-merċa tagħhom;

12.2 wara li nħareġ il-peremss sabiex siġra tal-palm li tinsab quddiem residenza ta' Adrian Vassallo fil-parkeġġ tal-Isptar titneħħa u titpoġġa fil-*playing field*. Dan ix-xogħol ser jagħmlu Thomas Xerri;

12.3 titranġa l-bankina ta' quddiem '*Secret Garden'* fi Triq it-8 ta' Diċembru;

12.4 titranġa l-bankina ta' quddiem bini ġdid ta' Mark Grech fi Triq il-Belliegħa;

12.5 jinxtraw ħames kotba ta' Charles Beżżina – *Wartime Gozo 1940 – 1943*;

12.5 l-kont bankarju Kumitat Monument Ġorġ Pisani (HSBC 71184063) jingħalaq, kif rikjest mill-bank stess peress li ma baqax jintuza. L-ammont ta' €1591.18 li kien f'dan il-kont jiġi depożitat bil-kont tal-Kunsill.

Il-laqgħa spiċċat fid-21.00.

| | |
|---|---|
| Av. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |